# IL-KONKATIDRAL TA' SAN ĠWANN

## fil-belt Valletta

kitba ta' Mario Fenech

Mal-bini tal-Belt il-Ġdida fuq l-Għolja Xeberras, il-Gran Mastru ta' dak iż-żmien Jean Levesque de la Cassiere ħaseb biex jibni il-Kon Katidral iddedikat lill-qaddis patrun ta' l-ordni li kien imexxi.

Dan seta' jagħmlu bil-flus li kien qiegħed idaħħal mir-renti tal-wirt li kien ħalla Dun Luca Xara li kien Dekan tal-Katidral ta' l-Imdina u minn proprjetà oħra li kienet ta' Dun Mattew Falzon.

Ix-xogħol sar fuq il-pjanta tal-magħruf Ġlormu Cassar lejn is-sena 1573. Meta tlesta x-xogħol tal-bini, saret iċ-ċerimonja tat-tberik li tmexxiet mill-Isqof ta' Palermo Monsinjur Ludovico Torres. Biex jibqgħu mfakkara dawn iż-żewġ ismijiet importanti b'konnessjoni mal-bidu ta' dan l-monument arkitettoniku mimli bl-aqwa opri ta' Arti Sagra, fuq il-bieb prinċipali tpoġġew tliet armi tal-irħam.

Dawn huma l-Arma ta' l-Ordni ta' San Ġwann li ħadet ħsieb tibni dan il-Kon Katidral, l-Arma tal-Gran Mastru La Cassiere u l-Arma tal-Isqof Torres.

Kienet l-użanza li kull meta jilħaq Gran Mastru ġdid dan kien jagħti rigal biex dan jitpoġġa fil-Kon Katidral. Ma għandniex xi ngħidu dan kien ikun rigal li jkun sewa somma flus kbira u kien ikun sar minn xi artist magħruf li kien ikun midħla sew tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.



It-tmien kappelli ta' dan il-Kon Katidral kienu mqassma lit-tmien lingwi li kienu jiffurmaw l-Ordni. Dawn kienu mqassma hekk:

- Il-Ġermanja li kellha bħala titular il-wasla tal-tliet Slaten Maġi, xogħol ta' Stefano Erardi;
- l-Italja bit-titular ikun iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina mal-Bambin Ġesù, xogħol ta' Mattia Preti;
- l-Alvenja bit-titular ikun San Sebastjan - xogħol l-artist Casarino;
- Aragona, iddedikata lil San Ġorġ Martri. Kwadru xogħol ta' Mattia Preti;
- Portugal u Kastija bil-kwadru ta' San Ġakbu - xogħol ieħor ta' Mattia Preti;
- Provence bit-titular ikun San Mikiel Arkanġlu. Il-kwadru huwa xogħol ta' Guido Reni;
- Franza fejn bħala titular kien ġie magħżul San Pawl Missier il-gzejjer Maltin. Fil-kwadru ta' Mattia Preti naraw il-konverżjoni ta' dan il-qaddis.

Għall-ewwel bħala titular prinċipali tal-Kon Katidral kien hemm kwadru li juri l-magħmudija ta' Kristu xogħol tal-artist Matteo Perez e Aleccio, xogħol li kien sar fis-sena 1584. Illum dan jinsab fis-sagristija peress li minn floku kienu saru ż-żewġ statwi tal-irĦam li wkoll juru lil San Ġwann jgĦammed lil Kristu. Dwn huma xogĦol ta' Guiseppe Mazzuoli.

Kull lingwa mit-tmienja li kienet iffurmat bihom l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kienet tagħmel l-almu kollu tagħha biex tqabbad l-aqwa artisti u skulturi biex iżżejnu l-kappella tagħha. Għal daqstant illum nistgħu ngħidu li dan il-Kon Katidral fil-belt kapitali tagħna huwa ġabra sħiħa ta' opri sagri prezzjużi.

Il-poplu tax-Xewkija għamel l-istess matul is-snin li r-raħal ilu taħt il-patronċinju ta' San Ġwann Battista, kemm meta kien hemm il-knsija l-qadima li l-mużew tagħha llum huwa anness mar-Rotunda kif ukoll fil-preżent meta wara li tlesta x-xogħol tal-knisja monumentali, din issa qiegħda tiġi attrezzata bl-aqwa xogħol ta' artisti magħrufa.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.